QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' GUNJU 2002

Avviz Nru:-1476/99DM

Mario u Rosanne mizzewgin Azzopardi
vs

Charles u Maria mizzewgin Brincat

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta' sitt mitt liri Maltin (Lm600) jew somma verjuri bhala danni sofferti mill-mittenti minhabba hsara fil-proprjeta ta' l-istess mittenti liema hsara irrizulta a kawza ta' ilma li thalla jipperkola mill-fond tal-konvenuti, "Villa Nirvana", Triq ta' Marmora, San Giljan, tramite l-hajt ta' l-appogg bejn il-proprjetajiet rispettivi ghal gewwa l-fond "Villa Capanna", Triq il-Bahar l-Iswed, Mensija, San Giljan, proprjeta ta' l-atturi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 1999 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Charles u Maria Brincat fejn eccepew illi:

1 It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi mhux minnu li l-allegati hsarat li soffrew l-atturi rrizultaw a kawza tal-ilma li thalla jghaddi mill-fond tal-konvenuti, kif fil-fatt gie certifikat minn zewg periti senjatament il-Perit David P. Pace, inkarigat mill-konvenuti u l-Perit Azzopardi, inkarigat mill-atturi stess, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;
3 Bl-ispejjez

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Alan Saliba pprezentata fit-8 ta' Marzu 2002

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni principali tal-konvenuti hija bbazata fuq il-fatt illi l-perforazzjoni tal-ilma li effettivament ikkawzat il-hsara ma kienetx provinjenti mill-fond taghhom u ghalhekk gie nnominat espert tekniku sabiex wara illi jzomm access fuq il-post u jiehu in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrelata dwar it-talba attrici wara li kkonsidra l-eccessjonijiet tal-konvenuti.

Fit-8 ta' Marzu tas-sena 2002 il-perit tekniku halef ir-relazzjoni fejn ikkonkluda illi effettivament il-hsara fuq il-hajt divisorju tal-basement tal-atturi giet ikkawzata minn hsarat fid-drains tal-kamra tax-shower tal-konvenuti w it-tebgha fuq il-hajt divisorju

tal-pjan terren tal-atturi giet ikkawzata minn hsarat fis-supply tal-mixer tad-docca tal-konvenuti li kkawzat ukoll hsara lix-xibka tas-saqaf li tinsab taht dan il-bejt. In oltre ikkonkluda li ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu tenuti risponsabbli li jghamlu tajjeb ghall-hsarat ikkawzati minn din il-perkolazzjoni ta' ilma w illikwida dawn il-hsarat fis-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) kif talbu l-istess atturi.

Illi stante n-natura teknika tal-kwistjoni odjerna din il-Qorti qeghda taddotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali w ghaldaqstant qeghda tilqa' t-talbiet attrici u ghar-ragunijiet hemm premessi qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mitt lira (Lm600) bl-imghax legali b'effett mill-11 t'Ottubru, 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg Civ41